**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2004**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IS-SITT SENA | MALTI (QARI) | Ħin: 20 minuta |
|---|---|---|

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________

## A. Immarka ✓ taħt IVA jew LE (3 marki)

| | | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-kelb jinbaħ. | | |
| 2. | *Leġġenda* u *Ħrafa* jfissru l-istess. | | |
| 3. | Il-pitirross hu l-għasfur nazzjonali. | | |
| 4. | Fil-Ħarifa xi siġar iwaqqgħu l-weraq. | | |
| 5. | Fil-Port Ħieles jinżlu ħafna ajruplani. | | |
| 6. | F'Għawdex hemm it-tempji tal-Ġgantija. | | |

## B. Qabbel kolonna A ma' kolonna B bin-numri (3 marki)

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1. | It-televixin | | hu annimal domestiku. |
| 2. | Sant' Antnin | | hu mezz ta' komunikazzjoni. |
| 3. | Il-kelb | | nara l-kampanja Maltija. |
| 4. | Esopu | | hu l-gżira tat-Tliet Għoljiet. |
| 5. | Ħadt gost | | hu l-akbar kittieb tal-ħrejjef. |
| 6. | Għawdex | | isib il-ħwejjeġ mitlufin. |

## Ċ. Agħmel sing taħt il-kelma li ma taqbilx (3 marki)

1. qalziet, żarbuna, lapes, flokk, qmis
2. San Ġiljan, Is-Sannat, Kerċem, Għajnsielem, Ix-Xlendi
3. Malti, Alġerin, Spanjol, Iżrael, Taljan
4. l-ewwel, it-tieni, it-tielet, l-erbgħa, il-ħames
5. idħol, għamel, ifraħ, ersaq, iżfen
6. twil, qasir, mar, oħxon, ferħan

**D. Agħżel it-tajba billi tagħmel sing taħtha.** **(3 marki)**

1. Is-suldat (libsa, libes, libsu, lebsin, libset) l-uniformi.
2. (Min, Minn, Min-, Meta, Miet) fejn ġejt?
3. It-tadam sar (isfar, aħmar, ikħal, vjola, iswed) nar bix-xemx.
4. L-isport u s-saħħa jimxu id f' (kollox, grawnd, id, għajn, sptar).
5. Il-fsied iħassar l- (inkwiet, uċuh, ommijiet, għasafar, ulied).
6. Ġorġ (kiel, qatt, dejjem, feraħ, fejn) ma jiġi.

**E. Ħdejn l-isem fil-kaxxa, ikteb in-numru ta' l-oġġett immarkat.**

**Ara l-eżempju.** **(3 marki)**

| | |
|---|---|
| żarbuna | |
| ballun | |
| sħaba | **1** |
| bandiera | |
| kalzetta | |
| xibka | |
| flokk | |



**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2004**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IS-SITT SENA | MALTI (KITBA) | ĦIN: Siegħa u Nofs |
|---|---|---|

Isem ______________________________

Skola ______________________________

Klassi ______________________________

TOTAL TAL-MARKI [ ]

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Aqra din il-faċċata, imla ismek, l-isem ta' l-iskola u l-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla xi vojt li tkun ħallejt.



## *A. Aqra sew din is-silta.*
## *Wara wieġeb b'sentenzi SĦAĦ.*

# Programm Għat-Televixin



Kienu ilhom itellgħu u jniżżlu. Ma setgħux jiddeċiedu. Kull darba ma jaqblux. "Imma, ngħid jien, xi programm nistgħu nagħmlu għat-televixin?" staqsa Josef. "Żgur li jrid ikun programm interessanti li tarah udjenza kbira." **(par. 1)**

Ma kinitx ħaġa faċli. Programm ma tagħmlux kif ġie ġie. Damu jħabblu rashom mhux ftit. Sa fl-aħħar Monika ħarġet b'waħda. "Min jaf kieku nagħmlu wieħed dwar l-ambjent?" **(par. 2)**

"Uff, xi dwejjaq!" għajjat Karl. **(par. 3)**

"Ara," bdiet biex tispjega Monika, "l-ambjent huwa ta' kulħadd: żgħar, kbar, xjuħ, annimali, ħxejjex. Insomma, tal-ħolqien kollu." **(par. 4)**

"Mhux aħjar xi programm dwar l-isports? Bħat-tennis jew il-futbol," kompla Karl. **(par. 5)**

Josef ma kienx egoist. Ħares lejn Karl u qallu, "Mhux sewwa! M'għandniex nagħmlu suġġett li jinteressa lilna biss." **(par. 6)**

U Karl ma baqax b'sabru. Malajr għolla leħnu. "U l-isports mhuwiex interessanti?" staqsa. **(par. 7)**

"Iva," wieġbet Monika, "imma programm interessanti għandu jogħġob l-akbar numru ta' telespettaturi." **(par. 8)**

Billi ma setgħux jaqblu, iddeċidew li jieħdu l-parir ta' l-għalliema. Għażlu lil Josef biex jitkellem f'isimhom. Meta Josef ħareġ mill-uffiċċju ta' l-għalliema sab lil Monika u lil Karl jistennewh fuq ix-xwiek. **(par. 9)**

"X'qaltlek?" staqsew b'vuċi waħda Karl u Monika. **(par. 10)**

"Għedtilha li ma nistgħux naqblu dwar is-suġġett. Studjat iż-żewġ ideat. Hi tħoss li programm għandu jinforma sew lil kulħadd. Qalet li programm dwar l-ambjent, dwar il-ħsara mit-tniġġis u l-qerda tal-ħlejjaq minn wiċċ id-dinja jkun fih ħafna tagħlim. Taf kemm hu bżonnjuż l-isports. Imma x'jiswa li nieħdu sehem f'xi sport meta aħna nkunu qed nieħdu l-arja ħażina?" spjegalhom Josef. **(par. 11)**

"Mela aħjar nagħmlu nitfa ġid biex ilkoll ingawdu l-ħolqien," qalu flimkien. **(par. 12)**

**Issa wieġeb.** **(10 marki)**

1. Min kienu ż-żgħażagħ li riedu jagħmlu programm għat-televixin?

   ______________________________

2. Kif għandu jkun programm għat-televixin? ______________________________

   ______________________________

3. Xi programm issuġġeriet it-tfajla? ______________________________

   ______________________________

4. Min kien iż-żagħżugħ li qabel mat-tfajla? ______________________________

5. X'jurik fis-silta li wieħed miż-żgħażagħ ma jaqbilx magħha? ______________________________

   ______________________________

6. Liema suġġett iħobb dan iż-żagħżugħ? ______________________________

   ______________________________

7. X'tagħlima ta Josef lil Karl? ______________________________

   ______________________________

8. Iż-żgħażagħ ma qablux, iżda kienu jirrispettaw lil xulxin. Kif taf? ______________________________

   ______________________________



**Issa agħżel l-aktar sentenza li taqbel ma' l-istorja.**
**Agħmel ✓ fil-kaxxa.**

9. Programm dwar l-ambjent huwa wieħed edukattiv. ☐
Programm dwar l-ambjent jgħallimna biss kif inkabbru l-ħxejjex. ☐
Programm dwar l-ambjent idejjaq lin-nies. ☐
Programm dwar l-ambjent iġelldek mal-ħbieb. ☐

10. Ħasbu li l-ambjent mhux importanti. ☐
Ftiehmu li l-isports huwa aktar bżonnjuż min-natura safja. ☐
Qalu li bi ftit sforz jistgħu jgħallmu lil kulħadd jieħu ħsieb il-ħolqien. ☐
Qablu li fin-natura hemm post għall-qerda. ☐

## B. Wara li qrajt is-silta, agħti t-tifsira meħtieġa. (10 marki)

a. Monika ħarġet b'**wаħda.** **(par. 2)**
**Waħda** qed tirreferi għal (tifla, kelma, idea, ħmerija).

b. Min jaf kieku nagħmlu **wieħed** dwar l-ambjent. **(par. 2)**
**Wieħed** qed tirreferi għal (tifel, ambjent, ħolqien, programm).

ċ. Kelma waħda flok **jinteressa lilna.** **(par. 6)** ___________________.

d. Ma kienx **egoist** **(par. 6)** tfisser ma kienx jaħseb fih ____________.

e. Fil-verb **jistennewh** **(par. 9)** il-pronom mehmuż qed jirreferi għal ________________.

f. **Għedtilha (par. 11)** tfisser "Jiena għedt ____________________."

ġ. Fis-silta hemm żewġ kelmiet li jfissru l-istess:

**udjenza (par. 1)** u l-oħra hija ________________ **(par. 8)**.



g. Sib kelma minn **paragrafu 11** li tfisser **fehmiet**. __________________

għ. Agħti kelma oħra minflok:

**faċli (par. 2)** __________________ **vuċi (par. 10)** __________________

## Ċ. Mis-silta sib l-espressjoni għal dawn: (5 marki)



jaħsbuha sewwa **(par. 1)** ________________________

bl-addoċċ **(par. 2)** ________________________

jaħsbu fil-fond **(par. 2)** ________________________

għajjat **(par. 7)** ________________________

ħerqana **(par. 9)** ________________________

## D. Ikteb kliem flok numri. (7 marki)




F'sena hemm ____________________ **(12)** xahar. L-____________________ **(1)** ta' Jannar huwa l-bidu ta' sena ġdida. Hemm ____________________ **(7)** xhur li fihom ____________________ **(31)** jum u ____________________ **(4)** oħra li jgħoddu ____________________ **(30)** jum. Frar biss fih ____________________ **(28)** ġurnata.

## E. Oħroġ kelma oħra minn dawk fil-parentesi. Ifhem is-sens qabel tikteb. (8 marki)

Il-qalziet kien ______________ **(ħmieġ)**. Ommi ma ____________ **(ħallietx lili)** nilbsu. Riedet ______________ **(taħsel lilu).** Tefgħetu mal-ħwejjeġ fil-magna tal-______________ **(ħasel)**. Meta lestiethom ommi ______________ **(tela')** fuq il-bejt biex ____________ **(tonxor lilhom)**. Minn fuq il-bejt niżżlithom ____________ **(nixef)**. Tgħidx kemm ġew ______________ **(nadif)**!

**F. Ħares lejn l-ewwel eżempju.**
**Imla l-vojt tas-sentenzi l-oħra. (5 marki)**



Sqallija hija gżira kbira, imma l-Awstralja hija **l-akbar** (l-aktar kbira) waħda fid-dinja. L-Awstralja hija _____________ **(l-aktar żgħir)** kontinent.

Il-muntanja Everest hija ____________ **(l-aktar għolja)** waħda fid-dinja.



Fost l-annimali, il-leopard huwa ____________ **(l-aktar ħafif)** fil-ġiri.



Il-ġiraffa għandha ____________ **(l-aktar twil)** għonq iżda l-iljunfant huwa_____________ **(l-aktar tqil)**.



**Ġ. Kompli s-sentenzi b'dawn il-kliem. (5 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **għalkemm** | **daqskemm** | **malli** | **bilkemm** | **sakemm** |

a. _____________ waqfet ix-xita għalaqna l-umbrelel.

b. ______________ għamlet xita faru l-bjar kollha.

ċ. Ħriġna nilagħbu l-ballun _____________ kienet ix-xita.

d. Bqajna taħt tinda ____________ waqfet ix-xita.

e. _____________ għamilna pass li ma bdietx nieżla x-xita.





**G. Agħżel waħda biss. (5 marki)**
**Agħmel ✓ fil-kaxxa.**

**1.** Ir-riċetta tat-tabiba:



- Ixrob mistura kemm trid. ☐
- Ħu mgħarfa mistura darbtejn kuljum. ☐
- Itfa' l-mistura kollha fil-borma. ☐
- Qassam il-mistura lil min trid. ☐

**2.** Avviż fi ġnien pubbliku:




- Imxi fuq il-ħamrija. ☐
- Għaffeġ qalb il-fjuri. ☐
- Imxi fil-mogħdija. ☐
- Itlaq 'il barra. ☐

**3.** F'ħanut tal-fajjenza:




- Aqbad kull oġġett. ☐
- Trid tiknes li twaqqa'. ☐
- Meta tkisser niġbru l-frak. ☐
- Min ikisser iħallas. ☐

**4.** Mal-bieb ta' uffiċċju:



- Idħol mingħajr ma tħabbat. ☐
- Ħabbat għalxejn. ☐
- Ħabbat u stenna. ☐
- Ħabbat u kisser idejk. ☐

**5.** Ħdejn pompa tal-petrol:



- Ixgħel sigarett. ☐
- Jaħraq nar. ☐
- Tipjip mhux permess. ☐
- Aħraq is-sulfarini. ☐

**GĦ. Imla l-vojt.**
**Uża l-kliem li hemm fil-kaxxa. (10 marki)**



| |
|---|
| **jiġi - żjara - iħallas - jistieden - jitilqu** |
| **lura - nżuru - ikel - nofsinhar - filgħodu** |

**Stedina**

Is-surmast _____________ lill-ġenituri u lill-istudenti għal _____________ edukattiva fil-Birgu nhar il-Ħadd 7 ta' Marzu 2004. Il-karozzi _____________ minn ħdejn l-iskola fid-9.00 ta' _____________. Mal-gwida ____________ l-knisja ta' San Lawrenz u l-Kastell Sant'Anglu. Fis-sagħtejn ta' wara _____________ nidħlu għall- ____________ fir-***Ristorant Sansum***. Nerġgħu _____________ fl-erbgħa. Kull min _____________ , irid ____________ Lm5.

**(H) Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar wieħed minn dawn is-suġġetti: (20 marka)**





**1. Jien u oħti *qisna kelb u qattus*.**
Spiss nisimgħu din l-idjoma. Ikteb x'soltu tagħmlu biex turi li int u oħtok veru hekk.

**2. Ma kinitx ħarġa li vvinta missieri nhar il-Ħadd.**

**Qatt ma bsarna x'ser jiġri. Fi triqitna lejn…………..**

Kompli l-istorja.



**3. Meta ntilfet oħti ż-żgħira.**

Ikteb x'għamiltu meta għaddejtu minn din l-esperjenza.



**4. Kemm inħobb in-natura!**

Għid għaliex tħobbha u x'tagħmel biex inti u oħrajn tgawduha.



**5. Ommi ħarġet. Missieri kellu jlestilna l-ikel għal nofsinhar.**

Ħares lejn l-istampa u għid x'ġara.

